

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Tradutturi/Interpreti legali

Tradutturi/Interpreti legali

Repubblika Ċeka

Din it-taqsimha tgħinek issib traduttur legali jew interpretu fir-Repubblika Ċeka.

X'toffri l-bażi tad-dejta Ċeka tal-esperti u l-interpreti?

Fil-bażi tad-dejta Ċeka tal-esperti u l-interpreti tista' tfittex persuni elenkati bħala esperti u interpreti - jiġifieri persuni awtorizzati li jwettqu attivitajiet esperti u ta' interpretazzjoni. Il-listi tal-esperti u l-interpreti miżmuma mill-qrati reġjonali individwali jinqasmu f'taqsimha għall-esperti u f'oħra għall-interpreti. Kull interpretu fil-lista tal-esperti u l-interpreti huwa awtorizzat jipprovdi interpretazzjoni orali u traduzzjonijiet miktuba fil-lingwa rilevanti li jkun elenkat taħtha.

Il-bażi tad-dejta Ċeka tal-esperti u l-interpreti hija l-proprjetà tal-**Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka** li jieħu ħsiebha wkoll. Madankollu, il-qrati reġjonali rilevanti huma responsabbli għall-preċiżjoni tad-dejta.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta Ċeka tal-esperti u l-interpreti hija mingħajr ħlas?

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas.

Kif tagħmel tiftixa għal interpretu legali fil-bażi tad-dejta Ċeka tal-esperti u l-interpreti

Bl-użu tas-sistema tat-tiftix sempliċi pprovduta, tista' tfittex id-dettalji ta' kuntatt (u dettalji oħrajn) ta' esperti u interpreti onlajn. L-interpreti jistgħu jiġu mfittxija skont il-lingwa li jkunu awtorizzati jinterpretaw fiha, skont il-qasam tal-ġurisdizzjoni tal-qorti reġjonali fejn jgħixu jew skont l-isem u l-kunjom.

L-aħħar aġġornament: 09/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.